# IN-NAHLA

TA

## AUGUSTIN LEVANZIN

RIVISTA PERIODICA ANGLO - MALTIA

BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU.

**Ille tulit punctum qui miscuit utile dulci.**
*Gieba zewg dac li gharaf hallat il helu mal mehtieg.*
IL POETA LATIN ORAZIU.

183 | IR-RABA SENA | SOLD BISS

DIRETTUR-PROPRIETARIU
PROF. AUGUSTIN LEVANZIN, B.A., D.PH.,LL.B., D.PS., CH.F.
60, It-Triek tal Loggia, Rahal G'did, Malta.

MANAGER U CAXXIER: CARMENU CONSIGLIO
48, It-Triek ta Sant' Anton, il Birgu

ABBONAW *ghand il Prof. Levanzin, fl'Unione Tipografica Maltese, 28, Str. Cristoforo u fil Libreria Critien, Str. Reale, il Belt.*
HLAS—*Erba xelini cull tnejn u hamsin numru; zewg xelin cull sitta u ghoxrin numru; xelin cull tlittax in-numru, bil kuddiem, posta barrania. Tistghu tibaghtu bhala hlas bolli tat-tlieta.*

## IL HALIB TAL MOGHZA

Ahna il Maltin ixxurtiati hafna li nistghu nixorbu dan il halib shun mil animal stess u bla mgholli jew imsahhan. Wihed mil isvantaggi il cbar li emm fli Stati Uniti specialment u f'paisi ohra ù li ma issibx hlief b'difficoltà u spisa cbira dan il halib u mux cullimchien lankas. Meta cont f'Los Angeles jena kankalt industria sabiha tal halib tal moghza li ghada tiffiorixxi sal-lum u hrig'na sa rivista bil fiocchi "THE GOAT WORLD" li lahhket ic-circolazion sabieha ta ghaxar t'elef ghal hag'a speciali bhal din. Iz'da emm ta nofs halib conna inhallsu hmistax il sold u bosta chienu jixtruh specialment ghat-tfal billi il halib tal moghza ù elf darba ahjar mil halib tal bakra u specialment mil halib tal bott li billi bis-shana jekerdulu il vitamini u jhassrulu il fosfat tal calce li fih, inissel ir-rachitide u mardiet ohra fit-tfal. Jecc katt tusaw halib tal bakra f'loc tal moghz'a li chif sejjer infissrilcom ù sball cbir almenu la tusaw katt u katt il halib tal bott li ù speculazion karrieka biss biex jekirdu industria maltia u jfakkru lil niesna halli jhaxcnu il but fond tas-sanghisughi barranin.

Il halib tal mogh'za ù wisk ahjar minn dac tal bakra anche frisc ghal hafna ragiuni li ghad infissrilcom fit-tul il kuddiem. Wahda minnom u important hafna ì li il moghz'a katt ma ì infettata bit-tuberculosi fil hin li il bakar anche meta iccurati hafna u miz'muma indaf, bosta drabi, hamsin fil mia fli Stati Uniti, jimirdu bit-tuberculosi u jnisslu specialment fit-trabi it-TUBERCULOSI BOVINA. Il halib tal moghz'a fih sitt darbiet actar ferru organicu milli fih tal bakra u b'ecc dan inissel l'anemia. Tal moghz'a ù actar facilment digerit minn tal bakra u quasi katt ma inissel l'enterite, l'infiammazion tal imsaren, etc.

Iz'da il halib tal moghz'a ghandu jinxtorob shun u frisc chemm jista icun halli ma jintilefx is-sugu tal glandola tiroide li il mogh'za tissecreta fih u KATT MA GHANDCOM TIXORBU IL HALIB TA L'EBDA ANIMAL IMGHOLLI JEW IMSAHHAN ghaliex tekirdu il vitamini li uma essenziali ghall hajja u biex it-trabi jicbru u billi thassru il fosfat tal calce li fih il halib u ghalecc il ghadam tat-tfal ma jicberx normali. Din l'affari tal microbi ì farsa ridicola ivventata biss biex thaxchen bwiet il barrani bil flus li jinsterku minn halk il paisani taghna bhal ma ghad nipprova il kuddiem.

## IL LIGI TAL MEETINGS

Billi jena bdejt naghmel conferenzi fil berah biex nista nilhak wisk actar nies milli cont kighed nilhak fil Clubs, emm bzonn li il poplu, u specialment il karrejja tan-NAHLA, icunu jafu sewwa x'inì il ligi li tirregola f'Malta il lakghat (meetings) fil publicu, u x'inuma id-drittiet u id-doveri tahhom biex icunu jafu igibu ruhhom tajjeb u b'ecc mux biss ma joholkux inquiet u dispiaciri izda ucoll icunu jafu igibu rwiehhom b'decenza u control tali li juru li uma verament civilizzati bhal biccia il cbira tal poplu ta g'nus ohra.

Dawna il meetings uma wihed mil acbar dritti tal poplu li ottiena b'secoli ta tahbit u ta ciarcir ta demm, bhal ma ciarciar hafna demm u sofra hafna persecuzioni ucoll sa kala mil gverniet oppressuri il libertà ta li Stampa. Kabel il poplu la chellu id-dritt li jitchellem u lankas li jicteb contra dawc li chienu jahkruh jew jirfsulu id-dritti tighu. Kabel, ghal eluf ta snin, ma satax jaghmel hag' ohra hlief isofri, jiscot u jakla biz-zewg biss, idewed u jitgherra f'habsiet mudlama u umidi, jitla it-tarag tal forca u imil rasu taht il mannara tal bojja jew jiscot u jixrob f'rocna id-dmuh tal jasar kalil tighu, jew jigi mahruk haj f'nofs ta misrah kalb is-sahta ta cullhadd.

Illum mux ecc actar. Il jum tal fidwa sebah ghall gzira mahbuba taghna ucoll ghad li ghadna ma ngaudux dic il-libertà coll'a l'ohra li jgaudu il g'nus civilizzati l'ohra li jinsabu taht govern liberali u progressiv bhal dawc tal Inghilterra u ta li Stati Uniti. Il Ligi ta li Stampa u il Ligi tal Meetings taghna nistghu jissewew u jimmelioraw irwihhom hafna bhal ma ghad infissrilcom fit-tul il kuddiem.

Ghal-lum emm bzonn, l'ewel hagia, li nifmuhom tajjeb halli ncunu nafu nitolbu legalment dac li ghandna id-dritt u halli nitghallmu ucoll nirrispettaw il ligi, anche chif inì, sa tissewa.

Dawna iz-zewg' dritti cbar tal poplu emm bzonn li jigiu esercitati bl'acbar prudenza u bl'acbar paci u bl'acbar rispett izda emm bzonn ucoll li nesercitawhom sal-limiti coll'a li tatina il ligi bla pastasati u bla glied u disturbi. Meta nitghallmu nirrispettaw il Ligi ta li Stampa u tal Meetings incunu dhalna il bieb tac-civiltà u tal progress.

*(Jissocta)*

## ID DICKENS MALTI

Bla esagerazion ta xejn jena nista nsejjah lil Giuse' Ellul id-Dickens jew l'O. Henry taghna. Jena gia fahhartu hafna kabel u ghamiltlu hafna il kalb billi ù z'aghz'uh umli u modest tassew. L'ewwel idea li chelli chienet li nig'bor li Sketches li hareg' bil Malti fil "Hmar" fi ctieb a spejjes tighi halli cullhadd icun jista jomghod sewwa is-sustanza ta dawna il capolavori z'ghar li m'hux biss huma ta valur letterariu cbir, xi hag'a li tfaccrec f'Edgar Allan Poe jew f'Guy de Maupassant, iz'da li huma mibnia fuk basi morali hafna ucoll, u b'ecc min jakrahom jitghallem ighix u jahseb wisk ahjar.

Illum hsibta ahjar u ghalecc ctibt u bghatt dina l'ittra lil wihed mill hbieb tighi u li ù ucoll wihed miz'-z'ghaz'ah l'actar intelligenti u sinceramant patriottici li ghandna, is-Sur Z'uz'u Pace ta Bormla. Z'uz'u jaf u jicteb bl'inglis tajjeb tassew u xtakt li ua jirrendi lill malti geniali ihor dana is-servizz li ser nitolbu ghal gih u il gid ta paisna.

Rahal G'did, il 25 ta Jannar 1928.

Ghaz'iz' Habibi,

Billi naf li inti thobb il paisec hafna bhali u li hdimt u kighed tahdem hafna ghal gid tighu bhali ucoll, u billi naf li inti ticteb bl'inglis tajjeb tassew sejjer nitolboc taghmilli dana il piacir li jena sgur li inti ma tic'hadlix.

Fil "Hmar" kieghdin jidru bozzetti bil malti ta certu haddiem malti, Giuse' Ellul li joghg'buni tassew bhal ma ghog'bu lil hafna ohra li jifmu u li jena, a dispett tal Prof. Randon, ma nisthi xejn inkeghidom hdejn l'ahjar tad-De Amicis jew tal Verga u hdejn dawc tad-Dickens, tal O. Henry jew tad-De Maupassant. Jena nixtiek hafna naklibom ghal inglis tajjeb bhal ma taf ticteb int iz'da z'mien ma ghandix billi nsib ruhi mfawar bix-xoghol tan-Nahla sa mnifsejja. Ghalecc nitolboc b'kalbi coll'a li tidhol ghal dil bic'c'a xoghol int bla telf ta zmien halli mux biss nistampaw it-traduzion tighec fin-Nahla iz'da ucoll nistampaomlu fi ctieb a spejjes tighi li bi hsiebi nxerred fost cull min jaf bl'inglis halli nuru lid-dinja li Malta ghad ghanda mhuh geniali u li ilsienna ghandu tassew letteratura guappa u sabieha ghal inchejja ta dac l'injurant italomaniacu, il Prof. Randon.

Nitma li taccetta bil ferha li tirrendi lili u lil paisec dana is-servizz, u fil hin li inselli ghalic bil kalb u nirringraziac bil kuddiem, ghoddni bhala il habib tighec,

Augustin Levanzin.

Is-Sur Pace irrispondieni u kalli li ma iridx billi la ua u lankas bosta minn shabu ma sabu l'ebda valur fihom! Dawn il ghorrief ghandom bz'onn jixtru nucciali letterariu mil actar fis li jista icun. Povra Malta!

—o—o—

## THE CRIME OF VACCINATION

*(Continued from no. 182)*

37. "The extracts from Dr. Tenison Deane's book on "TheCrime of Vaccination" bring home vividly to us the appaling fact that health boards and vaccination doctors are systematically sowing disease of the worst form. The author well calls vaccination, the greatest mistake ever made, the enormity of which can never be equaled nor half appreciated. In Chapter IV is the following: History of a case: "The author will relate this case, as one that started him in his investigation and study on the subject. June 15, 1889, the author was spending his vacation on the ranch of a wealthy farmer in the northern part of the State of California, fifteen miles from the nearest town, a farm of 10,000 acres and no immediate neighbors. The farmer had a wife and seven children. None had ever been vaccinated. Six of them were selected and vaccinated by the author. The farmer's wife, age 43 years, the farmer's daughter 6 years old, the farmer's son, 8 years, another farmer's son, 25 years, the negro foreman 46 yrs. and his son, 12 yrs. All the rest were left out and were not afterwards vaccinated. On August 1, 1890, the farmer, his wife and five children went to the mountain ranch forty miles away, taking with them the foreman, his wife and five children. There had been no diphtheria in the town nor any in the neighborhood. The mountain ranch was an uninhabited virgin pine forest district with pure water, where they took up their camp. August 24th an epidemic of sore throat and canker sores developed among the children. Farmer's daughter, 7 yrs. old, son, 9 yrs. old and the foreman's son, 13 yrs. old, developed very serious throat and constitutional symptoms and were taken to the home ranch where a doctor was sent for. Diphtheria was the diagnosis. The farmer's wife also developed diphtheria. All the rest who had not been vaccinated were cured rapidly of their sore throat. The farmer's daughter, 7 yrs. old, died. The farmer's son, 9 yrs. old, did not recuperate for one year. The farmer's wife, 44 yrs. old had paralysis and sequelae, which lasted over one year. The foreman's son 13 years old, became very weak and did not return to normal health. "Dr. Tenison Deane, M.D." The Crime of Vaccination.

38. "In 1893, the farmer's son, 29 yrs. old, died in Los Angeles, Calif., of tubercular intestinal trouble; in 1900, the foreman, at 57 yrs. of age, died of tubercle or cancer of larynx; in 1902, the foreman's son, 25 yrs. old died of tuberculosis; in 1909, the farmer's wife, 63 yrs. old, died of cancer; in 1911 the farmer's son, 30 yrs. old, died of tubercular meningitis. The farmer died of old age. All the rest are living and in perfect health, nor they ever have been vaccinated. No tuberculosis has shown in any of those living, nor is there any family history of tuberculosis. All who were vaccinated in 1889 are now dead! *Intelligenti pauca.*

"In view of the foregoing, what unutterable silliness the present anti-tuberculosis crusade and the "elaborate" cancer research are! On these, millions are spent yearly, countless dumb brutes are tortured, and human beings are experimented on with every nostrum conceivable to 'modern medicine'. And all the while the state manufacture of cancer and consumption (as well as other diseases) goes briskly forward. It is a tragedy, repeating itself year after year, as people are forced to be vaccinated on various pretexts. School attendance, the chance to earn your bread, to go about your business—these are made dependent on getting vaccinated whenever health boards see fit to order". Dr. Tenison Deane, M.D. of San Francisco.

39. "With more than twenty years of experiment and study in general practice and in the laboratory the author has satisfied himself of facts, which may seem astounding to the present workers in the bacteriological field. That they will come to his way of thinking after investigating and experimenting along the lines on which he has been working, admits of no argument. He has not made known his discoveries up to the present time for fear that a half-proven theory would only bring ridicule from the profession, but now that he has proved to himself without a doubt that he is absolutely correct, and beyond a point where his discoveries can be disproved, he is ready and here gives his findings to the scientific world...To take stock of and to summarize all the accepted facts of to-day, will show that with all the study and work expended in the bacteriological field it has not been raised to the elevated plane that it should reach, owing to the fact that scientists have often accepted too much as their fundamental principles upon which to base their experiments, involving errors from the beginning that up to the present time have not been corrected... The greatest mistake ever made, and what was actually universally accepted by the medical world as a truth, turns out to be an error the enormity of which can never be equaled nor haft appreciated. The damage it has wrought in the human family will be readily seen, and the correction should be made without delay, for every hour places a black mark against those who are the keepers of the people's health. Let us hold an autopsy on this error, which will show itself to be an ignorant procedure and an obsolete practice. Then let us bury the mistake which is a privilege allowed the medical profession. This error was handed to us by Dr. Jenner when he discovered a prophylactic for smallpox". Dr. Tenison Deane, M. D., "The Crime of Vaccination."

40. "Has the germ of small pox been discovered? No. Then we are still on the level of knowledge, in this particular, with the savage and his herb. Tradition is his teacher. He accomplishes what he sets out to do — the reason why is unnecessary. From writings we can only form a poor estimate of what a scourge and pestilence the dreaded disease of small pox was and today we can safely say that, due to the inoculation of the human family with cowpox, passing thru five generations, small pox is practically extinct. This was truly a blessing in disguise, for while it prevented small pox it scattered broadcast other diseases or sequelae which are today a dread to all as were the periodical epidemics of small pox in the beginning...Dr. Jenner took bovine syphilis and vaccinated a healthy baby and all who wished to be fortified against the possible contagion of small pox. After twenty years of observation and investigation the author states that NO UNCURED SYPHILITIC CAN CONTRACT SMALL POX, and we all know that those inoculated with bovine syphilis are to a lesser degree immune". DR. TENISON DEANE, M. D.

41. "This tragedy of vaccination makes Shakespeare's 'Hamlet' a tame tale. For 125 years the human race has inoculated itself and babes in arms with syphilis, thank God for the modification, but syphilis just the same. This poison it has never tried to cure or eradicate from the system, and for the fear that the strength might leave the tissues revaccination is again resorted to... After sufficient observations, the author when called to treat a case of sore throat, tonsillitis, pharyngitis, laryngitis, croup or quinsy, made it a rule to ask if the patient had been vaccinated and examined the scar. The rule that he adopted in his practice was: DIPHTHERIA CANNOT BE DIAGNOSED OR FOUND IN THE PATIENT WHO HAS NOT BEEN PREVIOUSLY VACCINATED."—TENISON DEANE, M.D.

42. "In the Dark Ages of Medicine, when Dr. Jenner showed a candle light for the moths of Science to singe their wings, it was discovered that THE INOCULATION OF ONE DISEASE PRODUCED THE IMMUNITY AGAINST THE INFECTION OF ANOTHER DISEASE, WIDELY AND PATHOLOGICALLY DIFFERENT. The etiology of neither being known, syphilis, a chronic blood disease remaining thru the entire life of the patient, appearing in four separate stages, and manifesting itself pathologically in an endless number of ways in every imaginable form that a deviation of healthy tissue can show itself, is inoculated in its modified form, vaccina, into the human family to prevent the possible contagion of an acute, self-limiting fever... To make any headway in bacteriological science one must throw out the errors that have been nursed into what looks like a fully accepted theory, for whatever way one tries to utilize the false theory, it will not work out with any scientific correctness." —TENISON DEANE, M.D.. "The Crime of Vaccination".

43. "Many intelligent people who have not had time to study the subject of vaccination, or to do any deep thinking upon it on their own account, have remained, as regards vaccination, in the old rut, which by force of habit has become a superstition so strong that you cannot eradicate from their minds the belief that Jenner's vaccine virus has actually wiped out epidemics of smallpox. People do not like to have their superstitions disturbed. Thru the prevalence of custom, the most vicious actions lose their horror by being made familiar to us—and it is, after all, so easy to let some one else put on the thinking cap for us. Addison says: "For as it is the chief concern of wise men to retrench the evils of life by the reasonings of philosohy; it is the employment of the fools to multiply them by the sentiments of superstition". Unfortunately the so-called "wise men" who attempted to decrease the epidemics of smallpox by the reasonings of vaccination have inadvertedly brought upon the world a most unnecessary evil, and a curse upon childhood. The fear of death and disease, on the one hand, and love of money on the other, created a good correspondence between the people and the vaccinator. State medicine can be spelled with five letters G-R-A-F-T. (The author ir writing about the U. S. of America). All unconsciously the people submitted to this cowpox operation, and have become so hypnotized by this fallacy, that it has become one of the great superstitions of the age. One must not sit down "thirteen at table!" One must not start on a journey on Friday! One must make a wish every time you see a shooting-star! One must get vaccinated! and once every seven yeors!! if not oftener, and so on, thru the many beliefs that creep in and become a fixed habit or custom. Fortunately most of these superstitions do little mischief beyond encouraging superstition, but there is a most melancholy one: The Great Discovery! Vaccine Virus! which has actually caused disease and death in innumerable instances. Strange to say, the doctrine that it furnishes immunity from smallpox not only has never had any scientific basis for its support, but an immense mass of scientific evidence to disprove it". DR. L. BADGER.

44. "Even after Jenner had pocketed his reward of 30,000 POUNDS, he was forced to admit that neither cowpox nor smallpox gave any positive immunity from a first o second attack of smallpox, and that one might have thr disease two or three times. We ask the well-meaning e the possibly prejudiced readers of this pamphlet to conside,r the statistics and reports therein given, and above all ask yourselves this question: "Is it fair or just to the rising generation that children forced by law to attend school should be told. "Go to school you must, yet you cannot attend school until your blood has been poisoned by vaccine manufactured from a diseased animal!" This law can also be spelled G-R-A-F-T. This is THE CRIME OF COMPULSORY VACCINATION!"—DR. L. BADGER of New York in his epoch-making pamphlet "The Mark of the Beast".

*(To be continued)*

—o—o—

## IS-SIMNA U L'GHELUBIA

Il glandola tiroide li ghandna dwar il hofra tal ghonk bejn iz-zewg clavicoli ghanda hafna funzioni u ghalecc ì important tassew. Wahda minn dawna ì dic li ticconsma ix-xaham, il butir u iz-zjut li ma umiex hag'-ohra hlief ghakda ta carboniu u ilma. Mela nistghu nghidu li wahda mil funzion principal tal glandola tiroide ì l'assimilazion tal carboniu billi taharku, biex inghid ecc, halli jipproduci fil gisem shana u energy-a ghax-xoghol. Ghaldakstant meta il glandola tiroide tcun attiva hafna, fi stat, bhal ma isejhulu it-tobba, ta ipertiroidismu, allura billi hafna mis-secrezion tahha mimlia iodu tintafa fic-circolazion tad-demm tahrak hafna carboniu u il grass collu idub u il bniedem joghlob xi dakkiet sa isir donnu cadavru. Meta il funzion tat-tiroide ì ratba jew mejta allura ftit carboniu jinharak u dana jaccumula ruhu bhala grass u il bniedem jismen donnu mastodont alla Gross. Meta is-simna jew piuttost l'obesità (billi wihed jista icun smin b'tessuti muscolari u allura ì sahha) tcun gejja mil-deficienza tat-tiroide jew mid-degenerazion tahha, billi dina tirregola il ghajnejn, ix-xaghar u is-snien ucoll l'obes jusa in-nucciali, jitfartas u jithassru u jakghu snienu ucoll. Billi dina ì ucoll il glandola tal emozion meta wihed jitmashan, jeccita ruhu, jitbakbak, jiggieled u jinchedd alla Gross tissecreta actar iodu fis-secrezion abbondant tahha u tipproduci wara dac li stat li it-tobba isejhulu ipotiroidismu.

Frank Ewart Corrie, B. Sc, jicteb fil "Iodine for Livestock": "The function of the thyroid gland in the assimilation and combustion of fats is well known. Excess of fats in the diet has been shown to call for a proportionate increase in the intake of iodine, and if it is not forthcoming hypertrophy (cobor) of the gland results. Mc Carrison produced hyperplasia (cobor) in the thyroid glands of pigeons by feeding an excess of butter without iodine. E. and M. Mellanby, working on rickets and defective teeth in dogs, reported similar conditions in the thyroids of animals fed on excess of butter. In animals which received an excess of fat as cod-liver oil (mux purificat) or to which potassium iodide was administered no such condition supervened, the inference being that the iodine content of the oil counteracted the excess in the same way as did the potassium iodide" li ù periculus hafna jecc tusa dosa kawia. Mela fidal cas aktghu il butir, ix-xaham, iz-zejt, il grass tal perzut jew tal bacon, iz-zoccor, il hobz, il ghagin, etc. li fihom hafna carboniu sa chemm issibu chemm tiflah it-tiroide.

Jecc thobbu lil xi hadd atuh "IN-NAHLA"

taljan billi din l'H ma ghadiex titlissen. Illum jictbu *aveva* u *uomo* ghaliex jippronunzjawom ecc u jressku, bir-rag'un collu, il chitba lejn il fonetismu li tant jaghmel facili il kari u il chitba tal-lingui. Wahda middifficoltajet cbar tal francis u tal inglis ì il hafna savorra li fiom ta hafna ittri, frieghi mejjta, ta hafna ilhna li dari chienu jitlissnu u li illum ma ghadomx, per esempju: *though, through, dough*, etc. fl-inglis u *egli, regno, signore*, etc., fit-taljan, u wisk actar fil francis. Fli spanjol ma nsibuomx billi l'Academja Spanjola, xi mitejn sena ilu, sewwiet il lingua fuk basi fonetica u illum cullhadd jicteb li spaniol chif riedet ia.

Il-ligi tal evoluzjon triegi l'univers. Collox miexi mil compless ghas-semplici, mit-tkil ghal hafif, mil individual ghall internazjonal u minn dan ghal l'universal, collox jobdi ucoll il ligi tal economy-a, specialment fil-lingui, igifieri li nesprimu hsiebna bl'ynkas numru ta ittri u ta sfors. Ghalecc il gutturali (l'ilhna gherz'umin) kieghdin jisparixxu mil ilsna colla, ghalecc cullhadd kieghed ifittex ikassar u jiccondensa il cliem chemm jista specialment l'Americani li kieghdin idahhlu bil mod il mod is-SIMPLIFIED SPELLING u quasi il g'urnali u ir-rivisti taghhom coll'a illum jictbu *tho* (though), *thru* (through), *catalog* (catalogue), *traveler* (traveller), etc. Jictbu ucoll *ad* floc *advertisement* u jghidu *paper* floc *newspaper*. Fli Stati Uniti habib jistaksic: "*Have you seen my ad in the paper this morning ?*. U inti tifmu daks li chiecu usa il chelmit itwal ta *advertisement* u ta *newspaper*.

Mela ahna il Maltin ucoll ghandna nibghu nirriformaw l'ilsien Malti scond il-ligijet pratici tal economy-a u tal internazjonalità u mux scond dawc tal antiquarji u retrogradi li jharsu lejn il-lingwa bhala mummja egizjana li jisthokkila biss li titkighed f'musew u mux li tigi usata bhala bic'c'a ghodda tlekk u hafifa biex biha niccumbattu il battalja tal hajja. Meta nwakkghu l'H li ma titlissenx allura ma ghandniex bz'onn actar ta H bil gibda f'ghonka, li ì imbarazz cbir ihor li minnu emm bz'onn li nehilsu mil actar fis u li fuka bi hsiebni nithaddet fit-tul actar il kuddiem.

Mela ghal issa sejrin indahhlu dana it-tbiddil: nictbu l'H meta titlissen biss u ma nusawx actar l'H, bit-taj f'ghonka, billi cull meta nictbu H allura titlissen foneticament. Mela nictbu: *Hia Toni mar ma ohti, u ia bakghet emm.* Dana jnakkas l'ittri fil chitba u fli stampa, u jiffrancalna l'ittri specjali bit-tal li ma issibomx f'linotype, jew f'typewriter, jew fl'istamperiji coll'a, jew f'telegrafu, jew fli stenografy-a, etc. Meta xi cliem johlok confusjon bhal *collha* u colla tal mastrudaxxi naghmlu apostrofu floc l'H, bhal *coll'a* u *colla*.

Nimxu mela il kuddiem mal evoluzjon u il progress u mux lura bhal granci retrogradi.

## X'TAKRAW?

—Iva, jena nirraccomandalec ir-romanzi ta Walter Scott jecc ghandec z'mien xi tkatta f'dan ix-xorta ta kari. Jena ma ninsa katt il piacir li hadt meta krajt l' *Ivanhoe* tighu. John Buchan, fil "*Book Window*" jicteb :—"*Of course you like Ivanhoe best as a boy and The Hearth of Midlothian when you grow up. Hundreds of thousands of Englishmen from the Prime Minister downwards, have found in Scott their first literary sustenance. A Scott myself, I call him the greatest of Scotsmen, one of the main creative forces in the world's literature, to my mind the nearest comparable figure to Homer's and Shakespeare's. He does not need the feverish revivals that befall lesser men. The world forgets him and returns to him.* It-Taljani ma ghandom xejn x'jistghu jiccomparaw mighu. Scott chien awn Malta u halla romanz mux complut fuk il Cavalieri meta miet.

—Franco Ciarlantini, deputat taljan, jicteb fir-rivista "*Augusta*" dan li gejj tradott ghal l'inglis mir-*Review of* Reviews :—"*It is necessary to state that all representatives will be chosen by Mussolini. When the man is no longer there, then the man will be succeeded by Fascism. In order to form empires men are not necessary but only a man. Fascism denies to the multitudes the right to govern themselves, and replaces suffrage by choice from above. The Fascist regime is a dictatorship. Very true it is that a dictator governs in Italy. Very true it is that he alone controls our destiny, and leads us towards the stern trial which we do not fear. Very true that in Italy no other will prevails but his. Dictatorship is an Italian glory. The Dictator is a figure of greatness and of Roman victory, of daring and of Garibaldian fortune*". X'chienu ighi du Mizzi, Mifsud ul Gross chiecu f'loc l'isem ta Mussolini inkieghdu dac ta Strickland ?. ——

## ANTOLOGY-A MALTIA

Dina il poesia chienet dehret fin-numru 1-2 tan-NAHLA il Kadima u chienet intghog'bot wisk billi tassew harget minn kalb min chitiba f'mument icreh u ta dulur f'hajjtu meta ntebah li dic li chien tant habb bidlitu ghal haddiehor biex tfittex tiz'z'ewweg' billi ua chien ghadu student fl'Università. Chienet iffirmata N. VALENZIA u ghal taparsi giet mil Lixandra billi min chitiba ma riedx juri ismu billi ma ried il hadd jintebah lil min chienet indirizzata. Harget fit-12 ta Settembru 1908 iz'da chienet mictuba wisk kabel meta l'autur ma chellux actar minn tnejn u ghoxrin sena.

### CHIEFRA!...

"*Le' mux tassew li'n-nisa ghandom kalb*".
G. MUSCAT AZZOPARDI.

— "Ma contx jen bghadtec? — Cont hsibt li kalbi
ghall bruda tighec — birdet ucoll;
cont hsibt li 'l chiefer — cliem jebes tighec
l'irbat ta mhabbti — chien k'ed iholl.
— Intbaht li kalbi — rbatt ma kalb 'dghajfa
u li l'imhabba — ma tafx x'inhia;
ridt fis nitghakkal — mil bluha tighi
la b'dal mod chiefer — mort tkarrak bia;
— u minn kieh kalbi — shitt dic is-sigha
li rasi ntilfet — wara 'l g'miel tighec.
Tassew li chewcbti — f'sem'icreh timrah
la biex tekridni — lakkghitni mighec.
— 'Ma gew kaluli — li mhabba g'dida,
f'kalbec cherrejja — mil g'did mort crejt;
makdart fruhitec; — ma wic'ci chibes,
u... min jifimni?... — nibchi nfexxejt.
— Gharraktli sahti — z'dingajtli xoghli...
l'eghwiedi tighec — cont jen dammejt...
Ftacart fl'elf darba — bi hlieft li thobbni!...
li thobb biss lili... — u emminni bchejt.
— Ftacart f'xi lejla — tassew tal hena,
fil bews imxighel — li kattajt hdejc...
Ftacart fi lieli — bla nghas, u fl'ibhra
li fridt biex, chiefra, — warajc jen g'rejt.
— Ftacart li mhabbti — coll'a cont tajtec,...
u ghal dan mighi — b'kerk cbir imxejt...
intbaht li vittma — cont ta fruhitec...
li ghadni nhobboc — intbaht... u bchejt...

***

Ftit awn min jaf li Bertu Cesareo chien u forsi ghadu jicteb bil malti tajjeb u li cont nrig'tlu dil poesia sabiha fin-numru 10 tan-NAHLA. Tghid Randon jibka jghajjar il malti *gergo ?*

### FIL GHEJD TAL IMWIED

— Ahwa, li mortu kabli ic'-cimiteru, — li hlistu minn did-dinja ta tbatia; — ked ritlobcom bil kalb, ghiduli 'l veru, — ghiduli 'l mewt x'inia?
— Ghaddejt it-tletin sena, u katt fil hajja, — ma naf li fraht tassew;—katt ma cont hieni; — cull fejn imxejt xerridt id-dmuh warajja, — rajt dwejjak biss u pwieni.
— L'imhabba stess, ighidu l'ì sabiha! — gieghlitni ng'arrab biss l'ahrax turment; — habbejt blanzun ta warda minnghajr fwieha — li nishet cull mument.
— Ljeli shah nghodd l'arlogg', quarta bi quarta, — bla ma nsib hena katt u katt mistrih; — rasi ma nafx fejn ì, sahhti hassarta — inhossni k'ed niblih.
— Ja kalb ta tigra, forsi ftit tal hniena — tigic ghalia meta incun stendut; — forsi tghid "dan l'imsejchen ktiltu jena, — jen tfajtu g'ot-tebut".
— Forsi tcun tridni — mbghad, forsi tibchini; — fuk kabri tigi ixxerred l'isbah ward; — collox icun ghal xejn; nghidlec: "Hallini, — hallini, issa wsalt tard";
— Ahjar il mewt!... Illum, k'ed nahseb ficom — illum li tahbat sewwa 'l festa taghcom; — ftacru mindu cont z'ghejr chemm somt ghalicom, — mejjtin, huduni maghcom!!

2 ta Novembru 1908. A. C. SAREO.

